



Brussell, 15 ta' Mejju 2019
(OR. en)

9325/19

GAF 48
FIN 358

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 8646/19	
Suġġett:	Ir-rapport speċjali Nru 1/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: Il-ġlieda kontra l-frodi fl-infiq tal-UE: jeħtieġ li tittieħed azzjoni - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill (14 ta' Mejju 2019)</i>

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rapport speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 1/2019 intitolat "Il-ġlieda kontra l-frodi fl-infiq tal-UE: jeħtieġ li tittieħed azzjoni", adottat mill-Kunsill fit-3689 laqgħa tiegħu li saret fl-14 ta' Mejju 2019.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL**dwar ir-rapport speċjali Nru 1/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: Il-ġlieda kontra l-frodi fl-infiq tal-UE: jeħtieġ li tittieħed azzjoni****IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:**

1. JILQA' r-rapport speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (il-Qorti) dwar il-ġlieda kontra l-frodi fl-infiq tal-UE. JISĦAQ li l-identifikazzjoni u l-prevenzjoni tal-frodi huma essenzjali għall-ġestjoni finanzjarja tal-UE u JIRRIKONNOXXI l-importanza tal-fatt li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom responsabilità kondiviża biex jiġġieldu l-frodi u kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.
2. JIEĦU NOTA tal-osservazzjonijiet tal-Qorti dwar l-ammont u l-livell ta' informazzjoni dwar il-frodi tal-UE disponibbli għall-Kummissjoni. JIRRIKONNOXXI, madankollu, l-isforzi sostanzjali li saru mill-Kummissjoni u l-OLAF biex jiġbru informazzjoni komprensiva u JIRRIKONNOXXI li l-ġbir ta' aktar informazzjoni jeħtieġ li jitwettaq b'approċċ proporzjonat meta mqabbel mal-benefiċċji finanzjarji.
3. JAPPOĠĠA r-rakkomandazzjoni tal-Qorti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħmlu użu aħjar mill-għodod għall-prevenzjoni tal-frodi u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tkompli taħdem mal-Istati Membri fuq it-titjib tar-rappurtar tal-irregolaritajiet, b'mod partikolari permezz tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet (IMS).
4. JINNOTA bi tħassib l-opinjoni tal-Qorti dwar ir-rata baxxa ta' rkupru ta' fondi użati ħażin irrakkomandati li jiġu rkuprati skont l-investigazzjonijiet tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u r-rata baxxa ta' segwitu għar-rakkomandazzjonijiet ġudizzjarji u jappella lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex itejbuha.

5. JISTENNA B'INTERESS il-pubblikazzjoni mill-Kummissjoni tal-istudju dwar il-konformità tal-Istati Membri mar-rekwiżit li titwettaq valutazzjoni tar-riskju ta' frodi kif meħtieġa mir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni¹ u JAPPELLA lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex itejbu s-segwitu għall-investigazzjonijiet tal-OLAF.
6. JINNOTA r-rakkomandazzjoni tal-Qorti biex jiġu kkunsidrati mill-ġdid ir-rwol u r-responsabbiltajiet tal-OLAF fil-ġlieda kontra l-frodi fl-infiq tal-UE fid-dawl tal-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (l-UPPE) u JISSOTTOLINJA l-ħidma li għaddejja tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Ġlieda kontra l-Frodi fid-diskussjonijiet dwar il-proposta għal emendi għar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)² għas-sitwazzjoni l-ġdida.
7. JISTIEDEN lill-Qorti biex iżżomm lill-Kunsill aġġornat fis-snin li ġejjin dwar il-progress li jkun sar mill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE fit-titjib tal-ġestjoni finanzjarja tal-fondi tal-UE, partikolarment dwar l-impatt tal-UPPE fuq il-ġlieda kontra l-frodi tal-UE, u, b'mod partikolari, biex tikkunsidra u tissorvelja rakkomandazzjonijiet konkreti għat-titjib.

¹ Ara l-Artikolu 125(4)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

² Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).